**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Settembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 221 / 08RGM

Kawza fil-lista: 15

**XF bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri R P u dan permezz tad-digriet tal-23 ta' Ottubru 2008**
**vs**
**M E P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi minn relazzjoni intima li kellha ma' l-intimat M E P, l-esponenti kellha wild bl-isem ta' R, liema wild gie irrikonoxxut mill-intimat, li llum ghandha hames snin, kif jindika c-certifikat tat-twelid.

Illi ghal madwar sena u nofs, l-esponenti kienet qieghda tghix flimkien ma' l-intimat u ma' binthom R P, u li din ir-relazzjoni ntemmet fis-6 ta' Jannar 2008, b'dan illi l-esponenti ma baqghetx tirrisjedi ma' l-intimat u marret tghix mal-genituri taghha flimkien ma' bintha.

Illi din id-decizjoni ittiehdet mill-esponenti in vista ta' l-agir tieghu, ghaliex l-intimat, kellu komportament vjolenti u aggressiv fil-konfront taghha u ta' binthom R u in oltre l-intimat anke jbati minn perjodi ta' dipressjoni.

Illi l-esponenti fis-sittax (16) ta' Jannar 2008 talbet lir-Registratur tal-Qorti tal-Familja biex jigi mahtur medjatur sabiex jinghata bidu ghall-process ta'

medjazzjoni skond il-ligi u dan ghall-finijiet sabiex tinkiseb l-awtorizzazjoni mehtiega ghall-proceduri legali biex jigu regolati l-kura l-kustodja, il-manteniment u l-access tal-minuri R P.

Illi l-esponenti XF, fl-atti ta' l-ittra ta' Medjazzjoni numru 55/08, ipprezentat Rikors guramentat (Dok MC 2) sabiex l-access ezercitat mill-intimat M E P ikun taht supervizzjoni ghal ragunijiet kif spjegati f'dan l-imsemmi rikors illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), permezz ta' digriet Nru 315/08 NC ordnat li l-access mill-intimat ghal bintu ghandu jsir taht supervizzjoni minn social worker addetta ma' l-Agenzija Appogg u dan ghas-spejjez tal-intimat.

Illi, wara l-hatra tal-medjatrici Carmen Delicata, il-partijiet iltaqghu ghal-diversi drabi mal-medjattrici, fejn l-intimat kien rapprezentat minn diversi avukati, u fl-ahhar seduta ta' 3 ta' April 2008, l-intimat irrifjuta illi jitkomplew dawn is-seduti mal-medjatrici ghaliex hass li ser ikunu inutili, specjalment ghar-rigward l-access.

Illi wara nota tal-medjatur Carmen Delicata fl-atti ta' l-ittra numru 55/08, fejn talbet li l-medjazzjoni tigi maghluqa, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), iddikjarat l-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-esponenti XF sabiex tipprocedi b'kawza ad hoc.

Illi l-esponenti, stante l-inadempjenza ta' l-intimat kienet ghalhekk kostretta tistitwixxi il-kawza odjerna.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri R P, tigi affidata esklussivament lil omm il-minuri, l-esponenti XF;

2. Tordna li l-access minn M E P ghal bintu R ghandu jkun u jibqa’ jigi ezercitat taht supervizzjoni minn social worker addetta ma' l-Agenzija Appogg a spejjez ta' l-intimat, fi granet miftehma bejn l-Agenzija Appogg u l-genituri tal-minuri, sakemm din tilhaq l-eta' maggorenni.

3. Tiffissa somma bhala manteniment pagabbli kull 15-il gurnata, ghall bintu minuri sakemm it-tifla, tilhaq l-eta' maggorenni jew tibda tahdem, skond liema minnhom jigi l-ahhar, rivedibbli skond l-indici ta' l-inflazzjoni, u tordna lill-intimat ihallas din is-somma, pagabbli skond il-modalitajiet li jigu ffissati min din l-Onorabbli Qorti, inkluz li tinqata' direttament mill-paga u/jew mis-salarju tieghu.

4. Tordna illi spejjez assocjati ma’ attivitajiet extra kurrikulari u dawk rigwardanti is-sahha tal-minuri ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Fl-ewwel lok l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li fil-kawza, il-minuri R P ma hix rapprezentata, u kwindi l-gudizzju mhux integru;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jinsisti illi l-kura u kustodja tat-tifla fuq imsemmija ghandu tkun konguntiva, izda fl-eventwalita, li dina l-Qorti jidhrilha li ghandha tkun affidata unikament f'idejn wahda mill-partijiet, ghandu jigi accertat illi dan ma jsirx bi pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-awtorita' parentali tal-genituri;

3. Illi l-esponent assolutament ma jaqbilx illi l-access ghal bintu ghandu jkun taht supervizjoni minn social worker, peress li ma jissussistu ebda ragunijiet ghalfejn ghandu jkun hemm dawn il-mizuri. Fil-fatt tajjeb li jigi rilevat illi sakemm l-esponent kien ghadu jghix taht saqaf wiehed ma' l-imsemmija XF, it-tifla kienet tithalla sieghat twal fil-kustodja tieghu, u sahansitra kien johrogha b'mod regolari, u ghalhekk ma jistax jifhem ghalfejn illum l-imsemmija XF qieghda tinsisti li tillimita tali access.

4. Illi l-esponent dispost li jissomministra manteniment lil bintu minuri kif dejjem ghamel, pero' jrid jittiehed kont tac-cirkostanzi u l-bzonnijiet tieghu, u s-salarju li ghandu, oltre dejn ta' mitejn Euro fix-xahar mal-Bank of Valletta, apparti self iehor kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, u di piu' din l-istess XF hija impjegata u jinkombi fuqha wkoll l-obbligu li tissoministra manteniment lill-imsemmija tifla minuri.

5. Illi in kwantu ghall-attivitajiet extra-kurrikulari, hu jkun dispost li jikkontribwixxi ghalihom purke' ikunu ragonevoli u li ma jzidux mal-pizijiet, tenut kont tal-paga li ghandu l-esponent u tal-htiega ta' tali attivitajiet extrakunikulari.

6. F'kaz li din il-Qorti joghgobha li ghandu jhallas parti minn dawn l-ispejjez, dan ghandu jsir kontra prezentazzjoni ta' ricevuti u li t-tifla ma tintbaghatx ebda attivita' extra-kurrikulari jekk mhux bil-kunsens ta' l-istess esponent.

7. Illi kwantu jirrigwarda spejjez ta' sahha, l-esponent ikun lest li jikkontribwixxi ghan-nofs, kontra prezentazzjoni ta' ricevuti.

8. Salv risposti ohra.

Rat il-kopji tad-digrieti ta' din il-Qorti pprezentati mar-rikors guramentat, datati 26 ta' Frar 2008 u 4 ta' Marzu 2008, li permezz taghhom intlaqghat it-talba tal-attrici illi pendente lite l-access jigi ezercitat mill-konvenut taht supervizjoni, kull nhar ta' Erbgha mill-hamsa u nofs ta' fl-ghaxija sas-sebgha u nofs ta' fl-ghaxija u nhar ta' Sibt jew Hadd b'mod alternattiv mil-ghaxra ta' filghodu sas-saghtejn ta' wara nofsinhar. Is-supervizjoni ssir minn social worker adetta mill-Agenzija Appogg, u l-ispejjez tas-supervizjoni jkunu a karigu tal- konvenut.

Rat in-nota tal-attrici a fol 16 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess, l-affidavit ta' missierha Joseph F, l-affidavit ta' ommha Odette F, l-affidavit ta' huha Peter F u l-affidavit ta' habiba taghha Nicole Bugeja.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia sabiex jisma` x-xhieda viva voce.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu kkwantifikat l-ammont tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghall-minuri fl-ammont ta' €93.18 kull erba` gimghat, bir-riserva li tipprovdi ulterjorment in propositu wara li l-konvenut jipprezenta d-dokumenti dwar l-introjtu tieghu.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Lulju 2010, li permezz tieghu innominat lil Dr Stephanie Galea bhala Avukat tat-Tfal biex tisma` lill-minuri dwar l-andament tal-access mal-missier.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea ipprezentat fis-16 ta' Awissu 2010 (a fol 151 tal-process).

Rat in-nota tal-konvenut tal-21 ta' Frar 2011 (fol 215) li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Marie Therese Camilleri Podesta.

Rat in-nota tal-konvenut tal-15 ta' April 2011 (fol 227) li permezz taghha pprezenta certifikat ta' Dr Anthony Dimech (Dok RA1).

Rat in-nota tal-konvenut tal-21 ta' Gunju 2011 (fol 255) li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Dr Pierre Schembri Wismayer.

Rat in-nota tal-konvenut tat-22 ta' Marzu 2012 (fol 301), li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-konvenut tal-31 ta' Awissu 2012 (fol 336), li permezz taghha pprezenta l-affidavits ta' James Micallef Grimaud u Christian De Souza Jensen.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru 2012, li fih ordnat li filwaqt li l-access ghandu jibqa` bil-frekwenza u bil-hinijiet kif diga` ordnat il-Qorti, jibqa` wkoll taht supervizjoni mill-Agenzija Appogg, izda mhux fl-edifizju tal-Agenzija.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Jannar 2014, fejn, wara li semghet lill-partijiet u lill-Avukati taghhom immodifikat l-access tal-missier b'effett mit-3 ta' Frar 2014, mill-hin tas-2.45pm fejn il-missier jigbor lill-minuri minn hdejn l-iskola bil-kundizzjoni li tkun prezenti s-*supervisor*, u f'kaz li tkun assenti, l-access ma jigix ezercitat u l-minuri tirritorna bit-trasport skolastiku. L-access jintemm fil-5pm hdejn l-ufficini tal-Agenzija Appogg, fejn tkun prezenti anke l-omm. L-access fil-jum tas-Sibt jibqa` regolat skond id-digriet precedenti.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Lulju 2014, li permezz tieghu, wara li semghet ix-xhieda moghtija f'dik l-udjenza, varjat id-digriet tal-access tal-missier versu l-minuri billi ordnat li l-access nhar ta' Tnejn ma jkunx aktar b'supervizjoni filwaqt li l-minuri tibqa` tittiehed hdejn l-Agenzija Appogg fil-bidu u tmiem tal-access. L-access ta' nhar ta' Sibt jibqa` supervizjonat.

Rat li b'digriet tas-7 ta' Awissu 2014, wara nota tal-Agenzija Appogg tas-6 ta' Awissu 2014, il-Qorti kkunsidrat li l-benessere tal-minuri kienet tirrikjedi l-intervent taghha qabel ma l-partijiet jirrispondu, u pprovdiet billi ordnat li l-access jigi sospiz b'effett immedjat, u nnominat lill-psikjatra Dr Peter Muscat sabiex jezamina lil M C. P, l-files medici tieghu, u jekk hemm bzonn ta' membri tal-familja tieghu  a spejjez provvizorjament tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru 2014, li permezz tieghu, irrevokat in-nomina ta' Dr Peter Muscat u nnominat minflok lil Dr Etienne Muscat sabiex jezamina lill-konvenut M P, il-files medici tieghu u jekk hemm bzonn membri tal-familja tieghu, a spejjez provvizorjament tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Novembru 2014, li fih ordnat lill-konvenut sabiex ma jikkomunikax mal-minuri R P la bil-mezz tat-telephone u lanqas b'mezzi ohra.

Rat ir-rapport tal-psikjatra mqabbad mill-Qorti Dr Etienne Muscat, ipprezentat fit-2 ta' Dicembru 2015.

Rat in-nota tal-attrici a fol 607 u n-nota tal-konvenut a fol 610, bid-domandi rispettivi in eskussjoni tal-Psikjatra mqabbad mill-Qorti Dr Etienne Muscat.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' April 2016, li fih iddikjarat li-istadju tal-provi maghluq u awtorizzat lill-partijiet iressqu n-noti ta' osservazzjonijiet.

Semghet lill-minuri in camera fis-7 ta' Lulju 2016.

Rat id-diversi rikorsi li saru fil-kors tas-smiegh tal-kawza u id-digrieti relattivi;

Rat id-diversi noti pprezentati mill-Agenzija Appogg;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-provi u l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI**

L-**attrici** tixhed bil-mezz tal-affidavit (Dok MC1 a fol 17 et seq) u tghid inter alia, illi meta ltaqghet mal-konvenut, huwa kien jiehu injection darba fix-xahar ghal tip ta' mard mentali li aktarx kienet *Borderline Schizophrenia*. Tghid li kien irrakontalha illi kien ipprova jaghmel suwicidju, illi kien ghamel xi zmien f'dinja ghalih ma jkellem lil hadd hlief ghal bzonn, li kien dahal l-isptar Monte Carmeli, li kien ihawwad sesswalment ma' nisa u rgiel, li kien imur mal-prostituti, u li kien jahseb li kellu xi konnessjoni max-xitan. Tghid li minkejja dan kollu hi kienet rat determinazzjoni li jinbidel u ghalhekk kienet taghtu cans.

Tghid li gie zmien fejn il-konvenut kien iddecieda li ma jibqax jiehu l-medicina u kien sar nervuz, kien jibqa` rieqed hafna, kien johrog u ma jghidiliex, ma kienx jinhasel u jqaxxar lehja, kien jghajjat maghha u anke sawwatha waqt li kienet tqila, kien jittraskura l-affarijiet, jaqlibielha u jcempel sick ghax-xoghol jew jidhol tard.

Tghid li hu kien jghidilha li ma hemm xejn mentalment hazin fih u li dak li kellu kien kollu effett tal-problemi li kellu fi tfulitu. Tghid li peress illi dan kien minnu u minhabba li hu kien jikkonvinci hafna, hi kienet emmnitu. Tghid li fis-sena 2002 harget tqila u din kompliet hawditu, u kien johrog wahdu u kien qalibielha ma’ prostituta u ma' tfajla ohra.

Tirrakkonta episodji li fihom kienet tqila u li ghax ma kinitx tkun trid taghmel kif jghid hu, kien jaqbadha u jkaxkarha. Darba kienet tqila, wara li wassalha d-dar kienet staqsiet lil missierha jehodha Paceville u kienet sabitu hemm u meta raha qabadha bil-goff u beda jaghtiha bis-sahha fuq rasha u jigbidha sakemm gie missierha u l-konvenut telaq 'l hemm. Wara din il-grajja ma semghetx aktar bih u cemplilha biss xi gimgha wara d-*due date* sabiex imur jara lit-tifla.

Tixhed dwar incident li fih il-konvenut iggieled ma' ommu, irrabja u sabbat il-bieb b'dan li waqghet il-bicca ta' fuq tal-koxxa tal-bieb. Tixhed ukoll dwar in-nuqqas ta' konsistenza tieghu biex jara lil bintu jew johrogha, u li f'dak iz-zmien lit-tifla kienu jtuha *tantrums* u tqum bil-lejl tibki. Tghid li ddecidiet li ma taghtijilux izjed lit-tifla u li kellu jmur jaraha biss id-dar tal-genituri taghha. Tirrakonta incident fejn hi ma kinitx id-dar u l-konvenut mar biex jara lil bintu u inqala` xi inkwiet u t-tifla li kellha sentejn u seba` xhur spiccat b'saqajha imbenglin. Tghid li wara dan l-incident il-konvenut dahal minn jeddu l-isptar Monte Karmeli u dam hemm ghal xahrejn.

Tghid li f'Awwissu 2006 il-konvenut kien qalilha li xtaq jerga` jipprova johrog maghha u ddecidiet li ttih cans. Hu xtaq li t-tifla torqod ghandu u hi kienet qaltlu li kellha torqod ghandu hi wkoll. Tirrakonta incident fejn dahhal lit-tifla torqod mieghu izda lilha sakkarha barra l-kamra, sakemm hi rnexxielha tikkuntattja lill-genituri taghha u gew ghaliha.

Tghid li qabel ma regghet bdiet tohrog mal-konvenut, kellha relazzjoni tajba ma' ommu izda mbaghad ma bediex ihalliha tkellimha u kien jirrikattaha li se jitlaqha. Tghid li f'Novembru 2006 il-konvenut kien mar jghix maghha r-Rabat u f'dak iz-zmien kien hemm serje ta' avvenimenti li qatt ma rrapurtat ghaliex kienet tittama li jinbidel, it-tifla kienet kuntenta tarahom flimkien u kienet thobbu u ghalhekk xtaqet tahbilu. Tghid li jekk gurnata minnhom kien jaghmlilha xenata, gurnata ohra kien ikun tajjeb u ghalhekk dawk il-mumenti kienu jzommuha milli titilqu.

Tghid li l-konvenut kien jiffissa li ma riditux joghqod mat-tifla u li ma tafdahx u sa certu punt kellu ragun ghaliex kienet tibza minnu. Tghid li ma kontx tista` tafdah u dan l-atteggjament kien jimliha b'tensjoni ghaliex kienet tixtieq tafdalu f'idejh certu affarijiet biex ihossu tajjeb izda hu kien jitlef kollox. Tghid li darba kien nesa` jigbor lit-tifla mill-iskola. Tirrakkonta wkoll li ma kienx ihalli lit-tifla tisma` r-ruzarju fuq ir-radio u kien telaq il-barra. Tghid ukoll li ma kinitx tmur quddies ghax tibza minnu u kienet tmur il-kappell anke bit-tifla, bil-mohbi tieghu.

Tghid ukoll li l-konvenut kien jispicca midjun mal-bank fl-ahhar tax-xahar ghax ma kienx jaf jikkontrolla l-flus, u tghid li spiss spiccat thallas il-kera wahedha u fl-ahhar anke d-dawl u l-ilma wahedha.

Tghid li spiss kien ikecciha mis-sodda u jtiha bis-sieq sakemm iwaqqaghha u meta kien jaraha tmur hdejn it-tifla kien jinkorla u gieli spiccat torqod fuq is-sufan. Tirrakonta incidenti fejn hi u t-tifla kienu qed jaraw dvd u hu kissrilha l-monitor u t-tifla kienet twerwret u bkiet hafna. Tghid li jekk ma kinitx toghgbu xi haga kien jirrabja u jkisser. Tghid li wara s-Sajf 2007 kien jaqbad u johrog wahdu minghajr ma jghidilha fejn sejjer u gieli anke hadilha c-cwievet biex zgur tibqa` d-dar.

Tghid li darba kellhom argument u kien irrabja hafna, kien tafaghha mimduda mal-art u beda jaghfsilha ghonqha sakemm ma setghetx tiehu nifs u hassitha qed tistordi. Tghid ukoll li darba filghodu qabel ix-xoghol kienet qabzitlu u kaxkar ghal ma' l-art kull haga li sab fuq l-ixkaffa tal-kamra tal-banju u kien qalilha *"Naddaf int."* Tghid li dak in nhar kien weggagha u spiccat bi tbengila kbra fuq dirghajha.

Tirrakonta incidenti ohra ta' vjolenza li fihom kisser jew li weggaghha, u tghid li meta kienu jigru dawn l-incidenti hi kienet iccempel bil-mohbi lill-genituri taghha jew lil habibtha Nicole. Tghid li meta kienu jiggieldu gieli kien jaqbad lit-tifla u johrog biha.

Tixhed ukoll li lit-tifla kemm il-darba taha daqqiet anke qawwijin, u darba kien immarkalha genbha bid-daqqiet li taha. Dakinhar it-tifla waqt li kienet qed tibki bl-ugigh kienet qaltilha li ma jimpurtax ghax l-aqwa li kien ihobbha.

Tghid ukoll li meta kienu jghixu r-Rabat xi hadd anonimu rraporta lill-Appogg u social worker kienet iccemplilha ta' spiss biex tiehu feedback minghandha. Hi kienet tghidilha li l-konvenut kien qed jipprova jinbidel, izda hu kien jiddejjaq li kienet iccemplilha ta' spiss u kien qalilhom biex ma jcemplux aktar u anke mar l-Appogg personalment.

Tghid li meta hassru, kienu bdew jiltaqghu f'diversi postijiet sabiex hu jkun jista` jara lit-tifla. Tghid li kien jahli hafna hin mill-access jargumenta maghha quddiem it-tifla u meta ma urijiex li kien lest jieqaf iddecidiet li twaqqaf dawn il-laqghat u nfurmatu b'dan. Tghid li mbaghad kien mar id-dar taghha u ma fethitlux, u kien cemplilha jghajjarha li kienet konfoffa ma' ommu u li hi u l-familja taghha kienu ipokriti. Tghid li ghamlet rapport dwar dan mal-Pulizija.

Tghid li darba kien mar wara l-bieb taghha u meta t-tifla ratu mit-tieqa bdiet tibki. Hu hallielha xi affarijiet wara l-bieb. F'dan iz-zmien kienet ghadha qed tistenna risposta minghand l-Appogg dwar *supervised access visits*, u darba fuq it-telephone, il-konvenut kien qal lit-tifla li hi kienet qed taghmel minn kollox biex ma jiltaqghux. Tghid li rega` beda jara lit-tifla ftit zmien wara meta kienet giet appuntata social worker biex toqghod mieghu waqt l-access.

Tghid li ghalkemm ghadha thobbu, hi ma tmurx lura mal-konvenut ghaliex thossha iktar trankwilla minn qatt qabel u anke t-tifla marret 'l quddiem bil-komportament. Qabel kienet aggressiva u imqarba u issa saret izjed tobdi u l-bidla nnutawha wkoll diversi ghalliema taghha u familjari u hbieb.

Jixhed **Joseph F**, missier l-attrici, bil-mezz tal-affidavit (Dok MC2 a fol 28 et seq) fejn *inter lia*, jirrelata dwar incident meta ha lil bintu li kienet tqila Paceville biex

ticcekja jekk il-konvenut kienx qieghed hemm u waqt li kien fil-karozza ra ragel jigbed lil mara minn idejha. Hareg jigri u sema` lill-konvenut jghid: *"Imxi ha niehdok mieghi."* Jghid li hu beda jghajjat biex jitlaqa` u ghall-ewwel irrezista imbaghad telaqha.

Jghid li l-attrici ddecidiet li tghammed lit-tifla izda l-konvenut ma riedx. Fil-gurnata tal-maghmudija fejn kienu mistednin il-konvenut, il-genituri tieghu u huh, hu kien nervuz hafna.

Jghid li kien hemm zmien fejn l-attrici hallietu johrog it- tifla wahdu, biss dan ma bediex izomm il-hin, u minhabba f hekk l-attrici kienet ghamlet zmien twassallu it-tifla hi biex ma jgibx dawn l-iskuzi. Gieli anke' wara li ppreparat lit-tifla biex jehodha ma jitfaccax.

Jghid li f'Mejju tal-2005, l-attrici kellha xi attivita' u halliet it-tifla mieghu u mal-mara. Il-konvenut mar u ried jiehu t-tifla mieghu. Hu ma halliehx ghax ommha hekk kienet qaltlu biex jaghmel u l-konvenut beda jirrabja, jghajjat u jkellmu baxx. Qallu li hu ha jkisser il-familja tieghu. Hin minnhom ukoll qallu li kien ser jghodd sal-ghaxra, u jekk ma jaghtihx it-tifla kien ser jibda jkisser fid-dar. Waqt li kien qed jghajjat beda jghidlu li l-attrici hija lesbjana u fl-istess waqt qallu wkoll li dak il-hin stess Xkienet qed titqahhab. F' hin minnhom ha t-tifla minn idejn martu, u prova johrog barra. Ma rnexxilux, dahal gewwa u prova johrog minn gol-garaxx bit-tifla. Jghid li hu zammu fil-bieb tal-garaxx u rnexxielu jehodlu t-tifla. Jghid li cempel lil Pulizija u sakemm gew, il-konvenut hareg 'il barra, beda jipprovokah biex johrog barra halli jkellmu waqt li jlissen kliem mhux xieraq. Jghid li xejjer daqqiet lejn il-karozza fejn anke' kissirlu l-mera tal-genb. X'hin wasal is-Surgent, il-konvenut kien lahaq telaq u hu ghamel rapport ghand il-Pulizija.

Jghid li wara dan, il-konvenut kien mar l-ghassa tan-Naxxar, u stqarr kollox mas-Surgent u kien talbu biex jiehdu Mount Carmel, fejn kien ghamel xi zmien.

Jirrakkonta incident iehor fejn l-attrici cemplitlu fit-tard tibki u qaltlu biex imur ghaliha malajr jew igib il-pulizija d-dar tieghu ghax il-konvenut ha lit-tifla biex torqod mieghu u lilha kien halliha msakkra barra l-kamra, wara li kien anke' goff hafna maghha.

Jghid li darb' ohra l-konvenut nesa` jmur ghat-tifla l-iskola u spicca mar ghaliha hu. Isemmi xi affarijiet li jinkwetawh bhal meta t-tifla kienet mitluba toqghod Flower Girl ghat-tieg tal-kugina u meta l-attrici ikkonsultat mal-konvenut, hu baqa' ma tax risposta u ghalhekk kella tirrifjuta l-istedina.

Isemmi okkazjoni ta' tieg familjari iehor, fejn kien wasal il-hin li jmorru u cemplitlu l-attrici u qaltlu li ma kienux se jigu ghax fl-ahhar hin il-konvenut kien iddecieda li ma jridx jigi. Kien tela` r- Rabat u sab lil M barra b'sigarett u bla kliem. Wara ftit hin kien iddecieda li jmur u waslu lkoll tard. Jghid ukoll li darba kien kissrilha l-monitor tal-kompjuter.

Jghid li l-attrici kienet tkun inkwetata hafna ghax ma kienx ihalliha tmur tara lil ommu. Lanqas lil R ma kien ihalliha tiehu, anke' meta kienet marida hafna.

Jghid li darba kienu qeghdin jinkwetaw li R u Xsetghu kienu fil-periklu hu, il-mara u t-tifel Peter, telghu ir-Rabat u minghajr ma kienet taf l-attrici qaghdu ghassa mad-dar taghhom. Fit-tard raw lil M hiereg 'il barra u kkonfermaw li dak li kienet tghid l-attrici, li l-konvenut kien johrog u ma jidholx qabel xi l-erbgha ta' filghodu jew iktar, kien kollu minnu.

Jghid li xi haga li kienet tikkonfondih hafna kien il-fatt li M daqqa' kien jitkellem b'mod veru tajjeb u tiehu gost tikellem mieghu u drabi ohra kien ikun vera mibdul li kwazi lanqas tista' tghid li huwa l-istess bniedem tant kemm kien jagixxi b'mod stramb u aggressiv.

Jghid ukoll li osserva li kemm ilhom joqghodu ghandhom l-attrici u t-tifla, l-imgieba ta' R tjiebet hafna. Din osservawha wkoll anke' l-ghalliema ta' R ta' l-iskola. L-attrici wkoll, tidher hafna iktar kalma.

Tixhed **Odette F**, omm l-attrici, bil-mezz tal-affidavit (Dok MC3 a fol 32 et seq) fejn tghid, *inter alia*, li ghall-ewwel il-konvenut deher kwiet u edukat. Kien ihobb in-numri, iffissat fuq l-iskateboards u dejjem fil-kumpanija ta' min hu izghar minnu. Tghid li ftit xhur wara, l-attrici harget tqila, izda wara incident li gara Paceville, il-partijiet ma baqghux johorgu flimkien. Tghid ukoll li meta tghammdet it-tifla kien b'geddum sa' l-art, ghax ma riedx jghammidha, u ommu kienet qaltilhom biex ma jaghtux kasu. Sadanittant ma' ommu kellhom relazzjoni tajba hafna u kienu joqghdu lura li jinfurmawh dwar il- hbieberija ta' bejniethom. Hi kienet tghidilhom biex ma jghidulu b'xejn. Dejjem wissiethom kontra tieghu. Meta kien jigi id-dar biex jara lit-tifla hafna drabi kien ikun bi gdiedem kbar. Hi kienet tipprova tkisser is-silg mieghu imma l-attrici dejjem wissietha *"ma hallieh, inqas kliem ahjar ghalih".*

Tirrakkonta dwar l-incident li gara d-dar taghhom meta l-konvenut ried jiehu lit-tifla bil-forza, u li warajh huwa kien dahal minn jeddu l-isptar Monte Karmeli.

Tghid li meta l-partijiet regghu marru jghixu flimkien, it-tifla kienet kuntenta ghaliex kellha liz-zewg genituri. Damu 'l fuq minn sena flimkien, imma bosta drabi kienet iccemplilhom ghaliex kien ikollhom xi jghidu. Kienet tinnota li R,

ghalkemm ferhana ghax qisha qieghda f'familja kienet tkun buruza hafna. Darba kelmet lil R bil-hlewwa u staqsietha ghaliex kienet bid-dwejjaq. It-tifla zvelat li l-papa' kien isawwat lil mama' u li hi kienet taqbez ghal mama' u tigborha mill-art.

Darba ohra, tghid li M issakkar f'kamra bit-tifla biex l-attrici ma tkunx tista' toqghod maghhom. Xkienet cemplitilhom f'nofs ta' lejl u marru ghalihom. Lil Xkien aggrediha.

Tghid li waqt glieda ohra dwar xi flus, f'daqqa wahda beda jibki u hemm ftakret b'dak li kienet tghid ommu, li meta ma kienx jirnexxilu jgibha zewg kien jigbed l-attenzjoni bil-biki.

Tghid li kien dejjem isemmi lil ommu u kien jghid li ghalhekk kien igib ruhu hazin, b'effett ta' tahwid familjari. Tghid li kien ghamel minn kollox biex joskura lil ommu..

Tghid li meta kienu joqghodu flimkien, lil Xkien qalilha li la darba kienu qeghdin flimkien ma kienx hemm ghalfejn jibqa' jaghtiha manteniment. Meta bintha kienet qaltilha b'dan fethitilha ghajnejha li seta kien qed jilghabha.

Jixhed ukoll **Peter F**, hu l-attrici, bil-mezz tal-affidavit (Dok MC4 a fol 36 et seq) fejn jghid, inter alia, li ohtu kemm il-darba kienet tkellmu u tghidlu kemm il-konvenut kien jgholli lehnu maghha, jsabbat u sahansitra gieli refgha idejh fuqha ukoll.

Jghid li t-tqala ghal ohtu kienet wahda ftit difficli ghal fatt li kienet qeghda terfa' ir-responsabilta' wahedhaa. Kien hemm hafna drabi fejn sabha tibki fil-kamra taghha. Meta kienet twieldet it-tifla tjiftakar sew li kien cempel M u qaltlu li kienet twieldet u kien hadha bi kbira ghax kien pretenda li kellu jkun prezenti waqt il-hlas. Fil-maghmudija ta' R kien prezenti u kien jidher nervuz u anzjuz. Jghid li mbaghad kienu regghu accettawh id-dar biex jara lil R.

Jghid li l-attrici qablet li jibda johrog lit-tifla pero` t-tifla kienet tqum bil-lejl tibki u ghalhekk ghalkemm ma cahhditux milli jaraha, ma hallitux johrogha izjed.

Jghid li meta kien telaq mill-post tar-Rabat sabiex jidhol fih il-konvenut, minkejja li kien cedielu postu, kien qabad l-affarijiet li kien fadallu r-Rabat u tefaghhom go boroz u qallu li jekk ma jmurx ghalihom kien se jarmihom.

Jghid li ohtu kienet spiss iccempel lilu, lil habiba taghha Nicole jew lil missierhom meta jkollha xi problema mal-konvenut. Jirrakkonta li darba cemplitlu u qaltlu li kienet qed timxi r-Rabat tard bil-lejl ghax ma felhitx tissaportih. Kien rega` refa jdejh fuqha u hadilha l-mobile. Jghid li hu u l-genituri tieghu kienu

jinkwetaw u ghamlu lejl fil-karozza quddiem id-dar taghhom. Dak il-lejl raw lill-konvenut hiereg fit-tlieta ta' filghodu. Wara dakinhar l-attrici u t-tifla regghu marru lura d-dar tal-genituri taghha.

Jghid li ghamel zmien ihalli hafna rigali lit-tifla u ghall-bidu it-tifla kienet qeghdha timmissja lil missierha. Izda jghid li issa t-tifla ssetiljat u vera saret bil-ghaqal.

Tixhed **Nicole Bugeja,** habiba tal-attrici, bil-mezz tal-affidavit (Dok MC5 a fol 41 et seq) fejn tghid, inter alia, li bejn Awissu 2006 u Jannar 2008, l-attrici cemplitilha diversi drabi biex titlobha l-ghajnuna relatata ma' problemi mal-konvenut. Tghid li gieli cemplitilha u tibda tibki biss, u gieli nqatghet il-linja u ma kinitx setghet terga` taqbad. Kienet imbaghad tirreferi l-kaz lill-familja ta' Marija halli jerfghu ir-responsabbilta`.

Tghid li darba cemplitilha l-attrici tibki u hi qaltilha biex tmur id-dar taghha. Meta waslet bit-tifla ndunat li l-attrici kellha tbengila kbira fuq idha u t-tifla kellha daqqa zghira that ghajnejha. Meta staqsiet lit-tifla x'kien gara qaltilha *'Ma jimpurtax, nikber u ninsa.'* Tghid li mbaghad wasal ukoll l-konvenut u b'ghajjat u storbju pprova jidhol id-dar taghha u rrabja ghaliex it-tifla baqghet gewwa maghha.

Tghid li kienet deciza li ccempel l-Appogg izda ma cemplitx ghax bezghet li l-attrici u t-tifla kienu se jbatu izjed u ghax kienet regghet bdiet tkellem lill-konvenut b'rispett tal-attrici.

Tghid li meta kienet tkun id-dar taghha kienu jilletikaw u t-tifla gieli staqsietha biex ma titlaqx. Tghid li meta kienet tiltaqa` maghhom kienet tinduna li l-attrici kienet il-hin kollu b'certu biza`, nkwetata u stressed. Tghid li fiz-zmien li ghamlu r-Rabat kienet tinduna li t-tifla kellha hafna nervi u ribelljoni, tghajjat, issawwat u ma tobdix. Meta telqu minn hemm rat bidla kbira fit-tifla li hija aktar kalma, tobdi, tidhaq u ma turix aggressjoni.

Tghid li wara incident il-familja ta' l-attrici kienu baqghu fil-karozza hdejn id-dar taghhom biex ikunu certi li ma jinqala` xejn, u hemm indunat li l-attrici kienet hbitilha hafna u fehmet ghaliex kienet thoss li l-attrici kienet qed tkun passiva u ma taghmilx kuntatt.

Tixhed **Sandra Agius**, prodotta mill-attrici waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-26 ta' Frar 2009, li tghid li hi kienet tghallem lill-minuri f'Year One u l-komportament taghha xi drabi ma kienx normali. Tghid li gieli kienet tkun aggressiva u gieli le u gieli kienet taghmel xogholha sew u gieli le. Tghid li

ghall-ahhar tas-sena skolastika f'Gunju 2008, it-tifla kienet izjed *settled* u ma kinitx baqghet taghmel *scribbling* fuq il-pitazz jew tmur go xi rokna.

Tixhed **Oriel Camilleri**, prodotta mill-attrici waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-26 ta' Frar 2009, li tghid li ghamlet kuntatt mal-minuri fil-klassi ghal hames gimghat wara l-Karnival imbaghad regghet marret f'Gunju meta ssostitwiet lil Miss Sandra. Tghid li fi Frar ma kinitx tobdi u kienet tigbed l-attenzjoni. Tghid li mbaghad l-imgieba tat-tifla inbidlet tant li lanqas gharfitha. Dejjem taghmel mill-ahjar biex tiehu r-rewards u nbidlet kompletament. Tghid li meta kienet kellmet lill-attrici dwar il-komprtament negattiv tat-tifla, kienet qaltilha biex tqatta` izjed zmien maghha u taghtiha izjed attenzjoni.

Jixhed **Dr Joseph Spiteri**, prodott mill-attrici waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-22 ta' April 2009, li jghid inter alia, illi l-konvenut ilu taht il-kura tieghu mis-sena 1999. Hu kien mar l-ewwel darba fuq vizta domiciljari fit-23 ta' Novembru 1999 u kien dahhlu Monte Carmeli taht il-Mental Health Act u baqa` taht il-gwida tal-isptar sal-10 ta' Jannar 2001. Jghid li ghall-ewwel kien in patient imbaghad intbaghat bil-leave. Jghid li fit-2 ta' Mejju 2005 kien rega` dahal Monte Carmeli u gie rilaxxat fl-4 ta' Gunju 2005 fejn kien taht il-kura tieghu. Jghid li minn dak iz-zmien kien rah xi darbtejn il-clinic imbaghad ma kompliex jiehu kura.

Jghid li l-isptar tah dik li jsejhulha 'medicate' ghaliex kien qed ibati minn *'paranoid psychosis'* li kienet relatata wkoll ma' xi sustanzi lleciti li kien jaghmel uzu minnhom. Jghid li tah l-injection ghaliex kien qed jirrifjuta li jiehu l-pilloli. Jghid li bejn in-1999 u l-2005 kien baqa` jarah u anke tax-xoghol kienu ghamlulu restrizzjonijiet sabiex jiehu l-injection inkella ma kienx se jibqa` xoghol gewwa l-universita`.

Jghid li l-konvenut kien ibati minn *paranoid psychosis* u jahseb li hemm certu nies kontra tieghu, hemm min qed jaghmillu l-hsara, ikun litiganti hafna specjalment ma' ommu u kien johloq problemi bejnu u bejn huh u missieru, u xi kultant ikun hemm element ta' aggressjoni.

Jghid li gieli kien vjolenti lejn huh, u xi xhur qabel kien mar il-klinika tieghu u ghamel storbju ghaliex ma riedux jixhed fil-kawza. Jispjega li meta jkun hemm *genetic loading*, it-tendenza hija li l-kundizzjoni tibqa` specjalment meta jkun hemm uzu ta' sustanzi lleciti u meta ma jiehux il-kura. Jghid li jekk wiehed ikollha *explosive personality* u jirreagixxi fuq il-hsibijiet hziena li jkollu, izjed hemm cans li jkun hemm aggressjoni. Jghid li dan hareg meta mar ghandu l-*outpatients* xi sitt xhur qabel u hataf lin-nurse u ghamel stragi tanti li kellu jitkecca.

Tixhed ukoll **Jacqueline Fenech**, prodotta mill-attrici waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-18 ta' Settembru 2009, li tghid illi l-konvenut tressaq quddiem Bord tad-Dixxiplina minhabba l-fatt li kien ikun dejjem tard ghax-xoghol, ma kienx jirrispetta lis-superjuri tieghu u ma kienx jobdi r-regoli tal-universita`.

L-**attrici** tixhed viva voce waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-16 ta' Novembru 2009, fejn izzid fost affarijiet ohra illi t-tifla kienet tghidilha li waqt l-access il-konvenut kien isaqsiha affarijiet personali fuq l-attrici u kien jistaqsiha biex thobb lilu biss, u t-tifla kienet tinkwieta ghax hi xtaqet thobb lil kulhadd. Kien jinkwetaha wkoll ghaliex kien jghidilha li jekk l-attrici jkollha lil haddiehor, hu ma kienx se jibqa` l-papa` taghha u hi kienet tinkwieta ghaliex kienet tibza li se titilfu. Tghid li kienet kelmet lis-social worker dwarhom u din kienet kellmet lill-konvenut. Tghid ukoll li cemplitilha habiba taghha Nicole li ghamlet affidavit f'dawn il-proceduri u qaltilha li l-konvenut kien raha lilha u lill-boyfriend taghha u mar fuqhom b'mod aggressiv u qalilha *get lost*. Tghid ukoll li jinkwetaha l-fatt li l-konvenut darba kien qalilha li kien ghamel il-ouija board, specjalment ghall-fatt li xi hbieb tieghu kienu mietu, wiehed b'suwicidju u l-iehor ma tafx biex.

Terga tixhed l-**attrici** viva voce, in kontro-ezami, waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2010, fejn inter alia, ipprezentat Dok TW1 li juri li tippercepixxi stipendju ta' €251.62. Tghid li hija *full time student* u li fis-sajf tehodha l-iktar hi ghall-access u fix-xitwa jehodha aktar missierha ghaliex hi tkun qed tistudja. Tghid ukoll li t-tifla jkollha music u muzew bhala attivitajiet. Tghid li t-tifla sejra tajjeb l-iskola u li ghandha hbieb taghha. Tghid li meta kien ikun tajjeb, kienet thalli lit-tifla ma' missierha ghal zmien twil, pero` meta kien ikun irrabjat u jkisser kien ikollha thallih jehodha minghajr kliem. Mistoqsija gieli kienx hemm okkazjoni fejn il-konvenut kien jahsel il-platti u hi terga` ddahhalhom fil-washer tghid li gieli kien ihallihom b'naqra hmieg u kienet terga` tahsilhom. Tghid ukoll li ghalkemm gieli ma riditx tmur il-bahar minhabba l-waxing, kien hemm okkazjonijiet fejn kienet tmur il-bahar.

Tixhed l-**attrici** waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-25 ta' Ottubru 2010, fejn tipprezenta l-payslip tas-social security li hi qed tiehu Dok SB li juri li hi tiehu €275.20 fix-xahar bhala *single mother*. Tghid li hija tiehu wkoll children's allowance, u li peress illi ghadha ma rcevietx stipendju ghal din is-sena, ma tafx kemm ser tkun qed tippercepixxi.

Jixhed il-**konvenut** waqt l-istess seduta u jghid, inter alia illi huwa jghix wahdu gewwa l-Imtarfa u jesebixxi Dok PZ bhala lista ta' spejjez li ghandu kull xahar. Huwa jaghti lill-attrici bhala manteniment ghat-tifla s-somma ta' €100 kull erba` gimghat. Jispjega l-ispejjez li ghandu u jghid li jaqla` €940 kull 28 jum mill-Universita` ta' Malta fl-Anatomy Department, u bonus ta' €60 kull tliet xhur.

Fis-6 ta' Dicembru 2010 jixhed wkoll **David Galea** in rapprezentanza tal-APS Bank, **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta, **Janet Lepre** in rapprezentanza tal-Lombard Bank li jghidu illi l-attrici ma ghandhiex kontijiet maghhom.

Jixhed ukoll **Romwald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta li jipprezenta Dok RA1 u RA2 li huma zewg savings accounts f'isem l-attrici, u Dok RA 3 li huwa young savers account f'isem XF ghal R.

Waqt l-istess seduta tixhed ukoll **Helga Borg**, administrative assistant gewwa l-Universita` li tghid li l-attrici ghandha basic stipend ta' €83.92 kull 4 gimghat u ghalkemm hija tefghet application ghal supplimentari, din ma gietx approvata ghaliex ittiehdet in konsiderazzjoni l-pensjoni ta' missierha wkoll. Tghid li mill-ismart card dahlet ukoll €465.84 fis-sena ghax-xiri ta' kotba, kompjuters etc.

Waqt l-istess seduta jixhed **Raymond Desira** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u jesebixxi Doks RD1 u RD2 dwar il-beneficcju li tiehu bhala single mother u Doks RD 2-RD5 dwar *childrens' allowance.* Jghid ukoll li kull dhul li tiehu bhal manteniment u stipendju jitnaqqsulha mill-ghajnuna socjali.

Tixhed **Marie Therese Camilleri Podesta** bil-mezz tal-affidavit a fol 216 li tghid li ilha taf lill-konvenut ghal dawn l-ahhar sitt snin li ilu jahdem maghha fid-Dipartment tal-Anatomija, wara li gie trasferit mill-Junior College fejn kellu xi problemi mal-kollegi. Tghid li kien dejjem edukat u lest li jghin u dejjem kien leali u grat tal-ghajnuna li kienet ittih. Tghid li jkun iddispjacut hafna li jkollu jara lil bintu gewwa l-Appogg minghajr ma jkun jista` johrogha.

Il-konvenut jipprezenta wkoll certifikat ta' **Dr Anthony Dimech** (Dok RA1 a fol 228) li jiccertifika li huwa ezaminah f'erba` okkazjonijiet bejn it-3 ta' Frar 2011 u t-28 ta' Marzu 2011, u ma sab ebda sinjal ta' *acute mental illness*. Sabu wkoll negattiv ghall-cannabis, cocaine u amphetamines.

L-istess xhud jixhed quddiem l-Assistent Gudizzjarju waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2011, fejn jikkonferma c-certifikat Dok RA1 bil-gurament. Jispjega li ezaminah mill-inqas erba` darbiet, ghamillu testijiet tal-pipi biex jara jekk hux qed jiehu xi sustanzi u kellu access ukoll ghal xi rapporti mix-xoghol tieghu minn nies prominenti l-Prof Camilleri Podesta u Dr Pierre Schembri Wismayer. Jghid li ma sab ebda sitomi ta' kundizzjoni mentali. Jghid li lanqas ma hu qed jiehu medicini kontra kundizzjonijiet mentali. Wasal ghall-konkluzjoni li ma hu qed ibati minn ebda kundizzjoni mentali fuq tliet binarji - in-nuqqas ta' uzu ta' sustanzi, nuqqas ta' medikazzjoni u l-funzjonament tajjeb tal-mohh fuq ix-xoghol. Jghid ukoll fost affarijiet ohra illi l-konvenut qallu li xtaq jaghmel izjed affarijiet mat-tifla tieghu

lil hinn mis-supervizjoni, izda hu ma huwiex fil-kompetenza li jghid jekk din ir-relazzjoni tistax issir bil-mod kif jixtieq il-konvenut.

Terga` tixhed l-**attrici** in kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2011 fejn tghid li hija ghadha kemm spiccat l-ezamijiet u spiccat il-kors kollu. Tghid li se tibda tahdem darba fil-gimgha u mhux se tahseb fuq xoghol full time ghaliex thossha ghajjiena mill-istudju u ma tixtieqx responsabbilta` ghalissa. Tghid li s-sajf tixtieq tqattghu mat-tifla. Tghid ukoll li l-komunikazzjoni mal-konvenut hija purament bl-sms, u l-atitudni tieghu tvarja. Tghid li hi tghix mal-genituri taghha.

Jixhed **Dr Pierre Schembri Wismayer** bil-mezz tal-affidavit a fol 256, fejn jghid illi l-konvenut huwa responsabbli hafna u edukat, u recentement kellu jmur f'dipariment iehor u kien ta' ghajnuna kbira anke biex jakkomoda l-kollegi tieghu. Jghid li huwa grat hafna ta' ghajnuna u jahdem tajjeb mal-kollegi ghalkemm jippreferi jahdem wahdu. Jghid li l-fatt li jara lil bintu taht supervizjoni hija ta' dispjacir ghalih.

Jixhed il-**konvenut** waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2011 quddiem l-Assistent Gudizzjarju u jipprezenta rendikont tal-ispejjez tieghu Dok NP a fol 267 et seq fl-ammont totali ta' €987 fix-xahar.

Jixhed **Sean Meli** in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg, li waqt is-seduta tal-20 ta' Jannar 2012 quddiem l-Assistent Gudizzjarju jghid *inter alia*, illi huwa jkun prezenti waqt l-access tal-konvenut mal-minuri u ilu jsegwi l-kaz ghal kwazi erba` snin. Jghid li ma hemmx problemi hlief li xi sentejn qabel it-tifla kienet qed thossha skomda b'xi mistoqsijiet li kien qed jaghmlilha missierha. Jghid li t-tifla thossha komda mal-partner ta' ommha. Jghid ukoll illi xi tliet snin qabel kien sema` lill-konvenut jghid lit-tifla li ma kienx tort tieghu li kellha tmur l-Appogg jew li n-nannu jfissidha wisq. Jghid pero` illi kazijiet li kellu jindahal biex iwaqqfu rarament kien hemm. In kontro-ezami jghid li jammira li l-missier jilghab bl-iskateboard u l-iscooter mat-tifla fil-parking area.

Tixhed **Charmaine Scicluna** supervisor mill-Agenzija Appogg li waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2012 quddiem l-Assistent Gudizzjarju tghid *inter alia* li ilha tkun prezenti ghall-access bejn il-konvenut u bintu ghal dawn l-ahhar sena u tliet xhur u tghid li l-atteggjament tal-konvenut mat-tifla jkun tajjeb hafna u l-attitudni tat-tifla tkun tajba wkoll.

Tixhed **Andreana Gellel** social worker mill-Agenzija Appogg li waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2012 quddiem l-Assistent Gudizzjarju tghid *inter alia*, illi z-zewg social workers jirraportaw lilha ghaliex hi nkarigata mill-access bejn il-konvenut u t-tifla. Tghid li hemm relazzjoni tajba bejn il-missier u t-tifla izda kien hemm mumenti fejn it-tifla thossha skomda, bhal meta per ezempju jgibha n-nannu u

mhux il-mama` u hi tahseb li l-konvenut ser jiddejjaq, jew meta jkun gej il-Milied thossha skomda titkellem fuq Alla ghaliex il-papa` ma jemminx fihom. Mill-2010 'l hawn kien hemm izjed *issues*, per ezempju t-tifla thossha skomda titkellem fuq il-partner tal-mama` taghha, u kien hemm okkazjonijiet fejn hu kien jghidilha li lilu trid thobb u mhux il-partner tal-mama`. Hi kienet kellmitu u hu kien esprima l-preokkupazzjoni tieghu li hu jitwarrab minn hajjet it-tifla. Tghid li t-tifla kienet tkun skomda titkellem fuq il-hin tal-access. Tghid li minhabba l-isports tat-tifla, l-omm kienet talbet li tinbidel il-modalita` tal-access izda hu ma xtaqx. Tghid li mis-sajf 2011 bdew jinnutaw li t-tifla kienet qed tkun nervuza u ma setghetx telabora fuq l-access.

Tghid li fis-sena 2009 kien hemm incident ghaliex kienu qeghdin fil-*parking area* u kien hemm tfal qed jilghabu bil-ballun u t-tifla bdiet thares lejhom. Is-supervisor staqsiet lil R tridx tmur tilghab maghhom u l-missier hatafha. Imbaghad kien skuza ruhu u din l-atitudni negattiva ma ghadhiex hemm. Tghid li gieli kien hemm incidenti fejn ikun sar il-hin u l-konvenut jinjora lis-supervisor. In kontro-ezami tghid li kien qal lis-supervisors u lit-tifla li kien hemm nies mill-familja tal-attrici li kienu qeghdin jippruvaw ibeghduh minnha. It-tifla gieli qalet li kien hemm min jixtieq li hi ma tohrogx barra mal-papa`.

Il-**konvenut** jipprezenta affidavit tieghu permezz ta' nota datata 22 ta' Marzu 2012 (fol 301) li fih jghid inter alia, illi l-osservazzjoni tal-hin tieghu ma' bintu ilha ghaddejja erba` snin, u t-tifla issa ghandha disa` snin. Jghid li l-ftehim originali kien li jara lil bintu tliet darbiet fil-gimgha erba` sighat kull darba izda qed jaraha ghal nofs dan il-hin. Jghid li t-tifla kienet semmietlu incidenti li l-partner ta' ommha heddidha li jaqfilha f'istitut jekk ma torqodx kmieni u dan wassal lill-omm li thedded lit-tifla b'suwicidju jekk l-argument ma jieqafx. Jghid li t-tifla qaltlu b'dan minkejja li n-nanniet materni wissewha biex ma tghidlu xejn. Jghid li r-relazzjoni ma' bintu hija wahda eccellenti u specjali u ma hemmx bzonn li jkun hemm supervizjoni.

Huwa jkompli jixhed quddiem l-Assistent Gudizzjarju waqt is-seduta tal-22 ta' Marzu 2012 u filwaqt li jikkonferma dak li xehed fl-affidavit, jzid li n-nanna tat-tifla gieli qaltilha li huwa kien persuna mhux sewwa ghaliex ma jhobbx lil Gesu`.

Tixhed l-**attrici** in kontro-ezami waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-17 ta' April 2012, fejn inter alia, tghid illi issa bdiet tahdem full time bhala LSA fl-iskola San Anton, u dan bhala self-employed. Tghid li hija taghmel ukoll part time ma' Drama Centre taghti lessons ta' make up.

Tghid li llum tghix fil-flat tal-mama` tal-boyfriend taghha f'San Pawl flimkien mat-tifla. Tghid li ilha naqra inqas minn erba` snin ma' dan il-boyfriend u hija jkollha relazzjonijiet intimi mieghu fl-istess apartament. B'referenza ghall-incident

li jsemmi l-konvenut hija tikkonferma u tghid li kellmitu dwarha biex ma jergax jaghmilha. Tghid li kien qalilha quddiem it-tifla li jekk ma tmurx torqod jibaghtuha istitut u hi kienet irrabjat hafna. Tghid li kienet qed tirrabja u qaltilhom li jekk tibqa sejra hekk kienet se taqbez. Tghid li zbaljat imma ma kienx veru. Tghid li mal-boyfriend taghha hija tiltaqa` wara t-tmienja u huwa jmur lura d-dar wara u gieli anke jorqod ghandha. Tghid li la tithallas ta' *leave*, la *sick leave* u lanqas tal-*holidays* ghax hija *self-employed* u thallas l-NI ukoll. Tghid li t-tifla u l-partner taghha jmorru tajjeb flimkien, u li huma stess isemmulha lil missierha.

Jixhed **James Micallef Grimaud** bil-mezz tal-affidavit (fol 337) li jghid inter alia, illi z-zewg partijiet xtaqu t-tarbija u qatt ma kellhom dispjacir dwarha. Jghid li huma membri tal-Malta Skateboard Association u jiltaqghu regolarment. Jghid li l-konvenut ghandu hafna pacenzja mat-tfal li jigu jaghmlu *skate-boarding* u li dejjem jitkellem fuq bintu. Jghid li huwa persuna responsabbli hafna.

Jixhed ukoll bil-mezz tal-affidavit **Christian De Souza Jensen** (fol 338) li jghid inter alia, illi l-konvenut huwa kuntent hafna b'bintu u jghinha tkun kreattiva. Jghid li hadem hafna ghal Malta Skateboarding Association u ghandu pacenzja kbira ghal mat-tfal.

Tixhed is-social worker **Adreana Gellel** waqt is-seduta tal-20 ta' Frar 2013, li qalet illi skond hi, l-minuri ghandha bzonn xi ftit terapija. Xehed ukoll il-konvenut fl-istess udjenza, fejn qal li l-incident irraportat mill-Agenzija Apogg li sehh fil-25 ta' Jannar 2013 fejn hu kkonfronta lis-supervisor inqala` ghaliex *'she was prying too much ... she stuck her nose in what she was drawing...'*

Fl-istess seduta tixhed ukoll l-**attrici** fejn tghid, inter alia illi t-tifla thossha ahjar minn mindu l-access ma ghadux isir f'kamra l-Appogg. Tghid li kull meta jkun hemm supervisor gdid, it-tifla tghidilha li missierha joqghod igerger kontriha u kontra l-genituri taghha, u joqghod jirrabja mas-supervisors. Tghid li gieli qaltilha li ma riditx tmur habba f'hekk, u anke waslu 20 minuta tard sakemm ikkalmata u kkonvincietha biex tmur.

Waqt l-udjenza tal-25 ta' April 2013, jixhdu **Adriana Gellel u Marie Bajada** mill-Appogg li t-tnejn jghidu li ghalkemm ikun hemm kwistjonijiet zghar mal-konvenut, pero` miexjin tajjeb. Marie Bajada tissugerixxi li t-tifla tara psychologist specjalment habba l-fatt li kienet qaltilha illi meta tara certi inkwadri tibda tahseb li ghajnejhom qed isegwuha u din il-biza tibqa` anke bil-lejl. Tghid ukoll li meta waqt l-access ikunu f'post fejn ikun hemm xi camera tibza` li hemm xi hadd qed isegwiha.

Jixhed **Emmanuel Abela** mill-Bank of Valletta, li waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2014 quddiem l-Assistent Gudizzjarju jghid *inter alia*, illi l-konvenut ghandu tliet

kontijiet savings l-Imsida u kont ta' loan u jipprezenta Doks EA1 u EA2 (fol 476-477).

Fix-xhieda viva voce quddiem l-Assistent Gudizzjarju tad-9 ta' Gunju 2014, il-**konvenut** jghid, inter alia, illi llum il-gurnata jghix fid-dar ta' ommu u ma ghadux ihallas kera. Jghid li l-pagamenti fuq il-karozza waqfu. Jghid ukoll li hemm kontijiet pendenti fuq l-ispejjez tad-dar li jridu jithallsu. Jghid li wara l-mewt ta' ommu, l-ispejjez zdiedu b'mod sostanzjali. Jghid li huwa kellu johrog loans biex jaghmel tajjeb ghal certu spejjez li kienu immedjati u li kienu necessarji ghas-salvagwardja ta' huh. Jghid li bintu wirtet lil ommu filwaqt li huwa uzufruttwarju. Jghid li kien mar jaghmel vizti ghand Dr Dimech biex iwiegeb ghal alluzjonijiet fuq il-kundizzjoni mentali tieghu li kienu mbaghad jintuzaw biex juru li huwa ma kienx responsabbli bizzejjed li jkun fil-presenza tat-tifla wahdu. Jghid li parti mill-wirt ta' ommu jinkludi propjeta` li huwa jigbor il-kirja fuqha, izda l-flus ma juzahomx ghall-uzu personali tieghu.

Jixhed **Dr Etienne Muscat** waqt l-udjenza tat-23 ta' Lulju 2015, li fost affarijiet ohra jghid, illi meta ltaqa` mal-konvenut sabiex jespleta l-inkarigu lilu moghti, huwa kien puntwali, gab hafna informazzjoni mieghu, kien *intense* izda *erratic*. Seta` jigbor zewg impressjonijiet principali, filwaqt li jhobb hafna lit-tifla u jhoss sens idealistiku hafna tar-rwol ta' missier, min-naha l-ohra apparti l-*erratic moods,* seta` jikkostata mod personali, individwali ta' kif jinterpreta l-affarijiet madwaru. Jghid li telqu bhala kordjalita`, imbaghad rispett kwazi esagerat, u fit-tielet session kien irrabjat hafna mieghu, kwazi ostili, tant li mar b' certifikat ta' psikjatra iehor li kien ghamel il-gurnata ta' qabel. Jghid li huwa bniedem li jirreagixxi qawwi ghall-hsibijiet tieghu u mill-affarijiet li gew esposti lilu, parti minnhom kienu kredibbli u parti minnhom kienu *more incredible*. Jghid li huwa jahseb li the whole picture huwa ta' xi hadd illi jvarja bejn *feet on the ground u feet due to his own fantasies.*

**IR-RAPPORT TAL-AVUKAT TAT-TFAL**

L-Avukat tat-Tfal **Dr Stephanie Galea** pprezentat ir-rapport taghha fis-16 ta' Awwissu 2010 (a fol 151 tal-process). Tghid li jidher li t-tifla hija kuntenta ma' ommha, ghandha relazzjoni tajba man-nanniet materni, izda ghandha relazzjoni tajba anke ma' missierha. Tghid pero` li t-tifla ma thossiex komda li tkun mieghu minghajr terza persuna ghaliex tibza` li ghall-inqas haga huwa jitlef is-sabar u jibda jghajjat. It-tifla qalet li qatt ma weggagha jew refa` jdejh fuqha.

L-Avukat tat-Tfal ikkonkludiet illi hi ta' l-opinjoni illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi tibqa` tghix ma' ommha u li l-access jibqa` jkun supervizjonat.

**IR-RAPPORT PSIKJATRIKU**

Il-psikjatra **Dr Etienne Muscat** ipprezenta r-rapport tieghu fit-2 ta' Dicembru 2015 (fol 557). Huwa jippremetti illi ezamina lill-konvenut f'erba` okkazjonijiet bejn id-9 ta' Jannar 2015, u s-6 ta' Settembru 2015, u li ra l-medical records tieghu, kif ukoll osservah direttament waqt is-seduta tat-23 ta' Lulju 2015, u ha konjizzjoni ta' certifikat mediku ta' Dr Anthony Dimech tat-12 ta' Frar 2015.

Din il-Qorti ser tikkwota siltiet minn dan ir-rapport li thoss li huma ta' importanza massima ghar-rizoluzzjoni tal-mertu tal-kawza odjerna:

*"Having come to the conclusion that RA's difficulties are in the main likely to be related to a personality disorder, the suggestion is thus that the observed features in RA's modus operandi will be consistent, persistent and immutable (unless specific steps are taken by Mr P to modify them). This conclusin is given some support from the numerous instances where RA could have been able to predict a negative outcome (and that would perforce have an implication on his relationshop with R), but where he nonetheless did not show the wherewithal to modify his behaviour, whether physical or verbal, even though he was aware that visitation rights could have been on the line."* (Pg 17 a fol 573) [sottolinear tal-Qorti]

*"While it is likely that an active psychotic episode would create difficulty for an individual to manage him/herself, and hence by extrapolation a child in his/her care, yet the suggestions from my assessment of RA are that for most of the time he is functioning at a more stable level than this."* (Pg 18 a fol 574)

Ghall-ahjar intendiment ta' dan il-gudizzju, l-konkluzjonijiet tal-espert gudizzjarju qeghdin jigu riportati ad verbatim:

*"1. Mr M P is a man with strong opinions that condition his behaviour, and that he appears unwilling to modify, seeing this as a compromise of principles.*

*2. Mr P has a probable personality disorder (Schizotypal Personality Disorder) that treads the line between normal experience and a psychotic one (where reality testing is deficient), and that leads him to be diffident, expect the worst from several of the people in his environment, retain odd or unusual beliefs and act towards others in manners that are consequent to this experience of the world around him. Inherent in this disorder of personality is the potential for occasional psychotic decompensation with implications in terms of behaviours and reasoning.*

*3. Mr P could be helped to work on attenuating his unusual experiences and developing a style of interaction that would be less frictional, but this would depend on his having insight, which appears lacking.*

*4. Mr P has a strong sense of responsibility- for R's development, and a strong sense of his right to parent his daughter as he sees fit.*

*5. Mr P is intensely interested in resuming his relationship with his daughter, which he sees as having been interrupted in an abusive manner.*

*6. Mr P loves his daughter, although his mode of expressing this can be strikingly formal.*

*7. Mr P's relationship with the mother of his daughter is a conflicted one; this has predated R's birth, and extends to his relationship with R's maternal family. This relationship has not shown consistent signs of cooling and episodically flares up again. Due to this state of elevated conflict, there are implications in terms of effective parenting.*

*8. Mr P has, over the years of supervised visits, shown less frequent conflict, but appears to have never changed his hostility to the supervisory services, and has not modified his behaviours even when it could have been easy to predict negative outcomes (for himself and consequently his relationship with R). Mr P has not shown remorse or regret for these outbursts but lays the blame at others' doors; thus my assessment is that there is very little expectation for Mr P to change effectively in any aspect of his relationship with the structures and services involved with his family.*

*9. My expectation is that if visits were resumed, they would resume at exactly the same point (for Mr P, although there is the incognito of R's being a year older) at which they were interrupted. I anticipate this to lead to significant tension between Mr P and R.*

*10. My expectation is that Mr P will continue to place at the feet of the legal/judicial system, of Appogg and of R's maternal family any difficulties he might predictably have with R.*

*11. My opinion is that Mr P would not knowingly hurt R, although he might prioritize what he sees as life lessons above her immediate comfort and wishes. It is my expectation that - while parents notably have a degree of carte blanche in how they raise their children - these putative situations could very easily be experienced as unusual or extreme by most other parents due to Mr P's rigid style.*

*12. I do not think that it is either simply positive or negative for R were visitations between Mr P and R to resume. It is more nuanced than that: I think that if visitations were renewed this lead to benefits for Mr P, and to some extent probably also for R since she was receptive to her father in the past, but with the expectation that there will be significant conflicts that will undoubtedly be distressing to R and lead to tension in the people and services around them.*

*13.1 believe that it would not be in R's best interests if any resumed visitations were initially unsupervised.*

*14.1 feel that R is at an age where her opinion would be important to guide this difficult decision.*

*15.1 feel that it is important that R herself be appropriately assessed in terms of psychological make up and coping skills, independently from any outcome of the current legal process, since there are suggestions that she too has struggled within this environment. Should visitations be resumed between herself and her father, I would expect that this recommendation be even more pertinent.*

*16. While I anticipate that this would be viewed as a further and unwelcome imposition on him, I believe that ongoing, scheduled follow up with a reputable mental health professional of his choice would be of benefit to Mr P (and by extension to R) if visitations were resumed."*
[sottolinear tal-Qorti]

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

*Ligi u Gurisprudenza dwar il-mertu*

Fost l-artikoli tal-ligi applikabbli ghall-kaz in dizamina insibu s-segwenti:-

Artikolu 3B subinciz (2) tal-Kapitolu. 16 :-

*"L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi skont il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragionevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu student li qedghin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time u huma taht l-eta' ta'tlieta u ghoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom dizabilita',kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali."*

Artikolu 7(1) :-

*"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

Artikolu 20 (1):-

*"Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih".*

Artikolu 149 :-

*"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel."*

Ikkunsidrat:

**L-Interess Suprem tal-Minuri**

In tema legali jinghad illi f'materja ta' decizjonijiet illi jirrigwardaw il-minuri, l-ezercizzju li jrid isir mill-Qorti huwa mill-iktar rigoruz in kwantu jrid jigi stabbilit, abbazi tal-provi kollha migjuba quddiemha, dak li huwa fl-ahjar utilita' u vantagg taghhom, li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu [Vide: **Giuseppe Scicluna vs XScicluna pro et noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 1958 (Vol. XLII.ii.1068); **A. Galea vs Samah Mansour** (325/08) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 2016 u l-gurisprudenza hemm citata in materja].

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John F v. Amelia F** (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet:

*"...apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominant 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'din il-kawza huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkustanzi personali u de facto li jkunu rrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru, 1998 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child."*

Fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Stephen Thake nomine et vs Joseph Portelli** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1994, intqal illi f'certi kazijiet il-Qorti tista' sahansitra tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet fl-att tac-citazzjoni u fit-talbiet taghhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu.

F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **XRosaria Micallef vs Alfred Micallef** moghtija fit-18 ta' Gunju 2007 intqal hekk:

*"Principju iehor ben not fil-ligi tal-familja huwa li l-genituri huma obbligati li jagixxu dejjem fl-ahjar interess ta' wliedhom. Huwa dejjem obbligu tal-Qorti li fil-provvedimenti li taghti tipprova tikseb ghall-ulied ... dak li jkun ta' l-aqwa utilita` u ta' vantagg ghall-istess ulied. L-Artikolu 47 u 56 ta' l-istess Kodici jaccennaw ghal dan l-obbligu tal-Qorti - sija pure fil- kuncett tal-kura u kustodja - li l-konsiderazzjoni ewlenija tal-Qorti ghandha tkun il-gid ta' l-ulied."*

F'sentenza aktar ricenti tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar** inghad:

*"...meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro v. Bonnett 11 ta' Dicembru 2003 u Portelli v. Portelli, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla)."*

**KURA U KUSTODJA**

Jigi osservat illi fil-maggoranza kbira tal-kazijiet fejn jidhol konflitt dwar kura u kustodja ta' minuri fl-ambitu ta' litigji familjari, spiss jirrizulta illi iz-zewg genituri huma individwalment genituri kompetenti u idonji li jrabbu lil uliedhom. Maghdud dan, fil-maggor parti tal-kazijiet il-Qorti tordna li l-minuri jirrisjedu ma' genitur b'access stabbilit mal-genitur l-iehor. Dan ukoll huwa l-arrangjament l-aktar komuni li jigi stipulat f'kuntratti ta' separazzjoni konsenswali jew f'kuntratti dwar kura u kustodja ta' tfal imwielda minn relazzjonijiet extra-maritali.

Dak li trid tiddeciedi l-Qorti huwa x'inhu fl-ahjar interessi tal-minuri u min hu l-aktar persuna idonja sabiex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri. Fil-kaz odjern, sabiex tasal ghal tali decizjoni din il-Qorti qieset numru ta' fatturi.

Fl-ewwel lok qieset il-hsibijiet u x-xewqat tal-minuri nnifisha u l-istat attwali taghha. Il-minuri ghandha issa erbatax-il sena u hija kapaci tesprimi l-hsibijiet u x-xewqat taghha. Il-Qorti semghet lil-istess minuri in camera u ghalhekk setghet tisma u tapprezza dak li tahseb u thoss l-istess minuri personalment, minghajr l-intervent ta' terzi persuni.

Din il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-imsemmija minuri sejra tajjeb fl-iskola, li ghandha zvilupp tajjeb u li m'hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li l-attrici m'hijiex qed trabbiha tajjeb. Fl-ahharnett, il-Qorti qieset il-provi kollha migjuba f'dawn il-proceduri, kif ukoll b'mod partikolari l-konkluzjonijiet tal-esperti mqabbda minnha, fosthom l-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, u l-psikjatra Dr Etienne Muscat, li rrelata dwar l-istat mentali tal-konvenut. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi l-kura u kustodja taghha ghandha tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici, inkluz id-decizjonijiet kollha relatati ma' l-istess minuri

**ACCESS**

Stabbilit illi huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghha tigi affidata esklussivament f'idejn l-omm, jehtieg issa jigi deciz jekk il-missier ghandux ikollu access ghall-minuri. Issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-31 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet **Marion Meli vs Emanuel Meli**[1] fejn inghad:

*'Huwa dejjem ideali li ulied genituri li qed jinfirdu izommu kuntatt maz-zewg genituri. Hemm pero' kazijiet fejn il-kuntatt bejn wild u genitur ikun aktar ta' hsara milli ta' gid. Sfortunatament dan il-kaz huwa wiehed minnhom.'*
[sottolinear tal-Qorti]

Dan ma jfissirx necessarjament illi l-genitur eskluz ma jkunx kapaci illi jiehu hsieb lil ibnu jew bintu jew illi l-minuri u l-genitur ma jkunux jinhabbu, izda jista` jfisser biss, illi fi stadju partikolari ta' hajjet il-minuri, access forzat ma' dan il-genitur ma jkunx ta' gid ghalih jew ghaliha u ma jghinux isib stabbilita` f'hajtu.

Lura ghall-kaz odjern, ma hemmx dubju illi l-konvenut u l-minuri jhobbu u jixtiequ l-gid lil xulxin, izda anke wara li semghet lill-minuri in camera, din il-Qorti hija tal-fehma mirquma illi ma jkunx ta' gid la ghaliha u lanqas ghar-relazzjoni ta' bejn il-missier u bintu illi l-access jigi ezercitat f'dan l-istadju. Il-minuri qeghdha fl-eta` adolexxenzjali, eta` difficli gja di per se, u kwalsiasi avveniment illi jista` jtellfilha l-istabilita` li tant tixtieq jista` jaghmlilha hsara kbira.

1 Deciza fl-appell fil-5 ta' Dicembru 2014

Kemm mill-provi, kemm mir-rapporti tal-esperti, kif ukoll mid-diversi noti pprezentati mill-Agenzija Appogg, jirrizulta car illi l-access favur il-missier m'ghandux jigi sfurzat fuq il-minuri, ghax certament ma jkunx fl-ahjar interess taghha. Inoltre, impozizzjoni f'dan ir-rigward, f'dan l-istadju tista' tkun kontro-produttiva ghall-ghan li tigi stabbilita relazzjoni tajba bejn il-konvenut u l-minuri iktar 'l quddiem, meta t-tnejn li huma jsibu bilanc f'hajjithom u l-minuri tkun aktar matura biex taffronta r-relazzjoni. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi din il-Qorti ser tiddeciedi illi ma ghandu jkun hemm ebda access stipulat bejn il-missier u l-minuri.

**MANTENIMENT**

Il-Qorti tinnota li dwar spejjez ta' sahha u edukazzjoni, kemm fir-risposta guramentata, kif ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jghid li ma jopponiex li jhallas ghal nofs tali spejjez purche illi jkun hemm konsultazzjoni u ftehim qabel ma jigu nkorsi u fuq prezentazzjoni ta' l-ircevuti. Maghdud dan, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn ir-relazzjoni ta' bejn il-genituri ma hijiex ottimali, kif ukoll sabiex jigi evitat kwalsiasi malintiz li jista` jxekkel eventwali relazzjoni bejn il-minuri, u missierha, din il-Qorti thoss li jkun opportun u prattiku illi l-manteniment akkordat ikun jinkludi wkoll l-ispejjez in kwistjoni.

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti in atti, li jikkonfermaw illi z-zewg partijiet jahdmu u jiggeneraw introjtu. Il-konvenut ilu jahdem mal-Universita` ta' Malta fid-Dipartiment tal-Anatomija ghal dawn l-ahhar ghaxar snin b'paga ta' madwar €1000 fix-xahar,[2] apparti l-uzufrutt derivanti mill-wirt ta' ommu, filwaqt illi l-attrici wkoll sabet impjieg bhala Supply Learning Support Assistant u qeghdha wkoll taqla` introjtu ta' madwar €12,500 fis-sena[3], apparti l-beneficcji socjali li tista` tkun intitolata ghalihom. Qieset ukoll l-ispejjez li ghandhom iz-zewg partijiet fid-dawl tad-dhul rispettiv taghhom.[4] Qieset ukoll li mid-digriet taghha tal-5 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu ikkwantifikat l-ammont tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghall-minuri pendente lite fl-ammont ta' €93.18 kull erba` gimghat, ma kien hemm ebda awment f'tali somma akkordata pendente lite.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment li attwalment il-missier qed ihallas ghall-minuri. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-manteniment pagabbli mill-missier ghall-minuri,

---

2 Vide xhieda tal-konvenut quddiem l-Assistent Gudizzjarju fil-25 ta' Ottubru 2010

3 Vide nota bl-FS3 u l-kuntratt tal-impjieg taghha pprezentata mill-attrici fit-22 ta' Awissu 2014 (fol 495)

4 Vide fost ohrajn rendikont ta' l-ispejjez inkorsi fis-sena mill-attrici ghaliha u ghal bintha a fol 72, kif ukoll rendikont tal-ispejjez li jinkorri l-konvenut a fol 267 et seq

liema manteniment jinkludi l-ispejjez medici u edukattivi, ghandu b’effett millum jizdied ghal mitejn u hamsin ewro (€250) kull erba’ gimghat , liema manteniment li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa’ jithallas anke wara li l-minuri taghlaq 18-il sena jekk tibqa` tistudja u sakemm taghlaq it-23 sena.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-konvenut:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri R P ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici XF.

2. Tichad it-tieni talba u tiddeciedi li f'dan l-istadju l-konvenut ma ghandux jezercita access favur bintu minuri.

3. Tilqa` t-tielet talba u tillikwida l-manteniment pagabbli mill-missier lill-omm ghall-minuri, fl-ammont ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) kull erba’ gimghat b’effett millum, liema manteniment jinkludi sehem il-konvenut tal-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri. Il-manteniment hawn stipulat jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa’ jithallas anke wara li l-minuri taghlaq 18-il sena jekk tibqa` tistudja u sakemm taghlaq it-23 sena.

4. Tichad ir-raba` talba in vista ta' dak deciz ai termini tat-tielet talba.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**